**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spetturi D. Gatt/D. Micallef)

**vs**

**(Owen Mallia)**

**Mark Dimech**

Illum 17 ta` Novembru 1999.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Mark Dimech ta` 17 il-sena, bin Peter u Jacqueline nee` Bugeja, imwieled Pieta` fl-14 ta` Jannar 1982 u joqghod 'Villa Guza', Triq San Anton, Attard ID 71282 (M);

Talli Owen Mallia fil-lejl ta` bejn it-2 u t-3 ta` Lulju 1999, ghall-habta tas-2.30 am., mill-inhawi ta` Santa Venera, ikkommetta serq ta` karrozza tal-ghamla Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni EAN-186, ghad-detriment ta` Michael Depasquale, liema serq huwa

aggravat bil-mezz, bil-hin, bin-natura tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix l-Lm1,000.

Owen Mallia u Mark Dimech flimkien, fl-istes hin, data u lok u cirkostanzi, saqu vettura bil-mutur tal-ghamla Mini Minor, u minghajr ma kienu koperti b`polza ta` assikurazzjoni.

Mark dimech talli fl-istess data, f`xi hin bil-lejl, f`dawn il-Gzejjer, ghamel uzu temporanju tal-vettura EAN-186, billi saqha minghajr il-kunsens tas-sid taghha jew ta` awtorita` legittima ohra.

Rat li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju, li l-qorti laqghet, wara li l-imsemmi Mark Dimech ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u din is-sentenza qed tinghata fil-konfront ta` Mark Dimech.

Issibu hati skond l-akkuza;

Rat l-Artikoli 15 (1), (A) tal-Kapitolu 65 ta` l-Ligijiet ta` Malta, l-Avviz Legali Dwar Assigurazzjoni ta` Terzi, tal-

Kapitolu 9, l-Artikolu 28A (7c). l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 u l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9.

Tikkundanna lill-akkuzat **hamsin lira (Lm50) multa.**

Vera kopja. (ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

Gaetano Galea

Dep Reg.